# Innu ta’ Filgħodu

**Kliem: Dun Karm**
**Mużika: Ġużeppi Caruana**

Reġa’ sebaħ! Ja Mulejja,
Agħti tiegħek dan il-jum;
Lejk nittajjar bil-ħsieb tiegħi
Kull filgħodu malli nqum.

Fix-xemx jiddi l-ġmiel ta’ wiċċek,
Inti ssebbaħ il-ħolqien;
Isellmulek l-art u s-sema
Kull filgħodu bl-oħla lsien.

Ja Mulejja, niżżik ħajr,
Għaliex Int tal-ħajja s-sid;
Fik is-setgħa, fik il-ħniena,
Int fawwâra ta’ kull ġid.

F’dan il-lejl li għadda fuqi
Int ħaristni, Alla ħanin;
Int wennistni minn kull biża’,
Warrabt minni l-ħolm ħażin.

Bħal missier f’telfa ta’ mħabba
It-taħbit ta’ qalbi smajt;
Xħitt is-saħħa ġewwa sidri
Ma’ kull nifs li jiena tajt.

Ja Mulejja ...

F’dan il-jum tħallix, Mulejja,
Li jitnissel f’qalbi d-dnub;
Inti taf li l-għadu tagħna
Għandu x-xbiek dejjem minsub.

Tini l-omm tal-Iben tiegħek
Biex tħarisni fit-tiġrib,
U tgħallimni bi mħabbitha
Kif inħaddan is-salib.

Ja Mulejja ...